# SURMASTRIJIET LI KELLHA L-BANDA L'ISLE ADAM

**Il-Banda L'Isle Adam tar-Rabat ta' l-Imdina mal-medda ta' tant snin, dejjem iffjorixxiet fost tant baned oħra, għax dejjem kienet tħaddan diretturi mustaċċuni fil-qasam ta' l-arti mużikali, u dawn id-diretturi dejjem sabu f'din l-Għaqda Mużikali bandisti ta' kalibru qawwi. Illum se inlaqqgħukom mas-Surmast:**

## GAETANO GRECH (1855-1933)



Is-surmast Gaetano Grech kien it-tmiem direttur li kellha il-Banda L'Isle Adam mit-twaqqif uffiċjali tagħha fl-1860. Hu dam jidderieġi lil din il-Banda għall-17 -il sena mill-1894 sa 1911 u wara assenza ta' sentejn, reġa' ħa lil din il-Banda għal-8 snin oħra, jiġifieri mill-1913 sa 1921, b'kollox il-Banda damet 25 sena taħt id-direzzjoni ta' dan is-Surmast.

Ser nikkwotaw lir-Rob. Mifsud Bonnici mill-ktieb Mużiċisti u Kompożituri f'paġni 91 u 93:

Gaetano Grech twieled l-Isla fid-19 ta' Settembru, 1855. Ħareġ jixbah 'l ommu, minn ta' Fiamingo, nisel il-mużiċisti. L-ewwel surmastrijiet tiegħu kienu Ġanpatist Bellizzi, skular ta' F Hunter (1793-1878) u Ġorġ Fiamingo, zijuh, għandhom tgħallem idoqq il-klarinett u l-vjolin; tkisser fil-kontrapont għand Fco. Mallia Cassar kontrapontista magħruf. Is-Surmast Pawlin Vassallo, għal Grech u Abela Scolaro kien igħid li ħadd ma jagħlibhom għall-partituri tal-Banda. Gejtu Grech kiteb mużika sagra u profana. Fost l-alljevi tiegħu nsemmu l-Maġistrat Clo. Parnis, klarinettista konċertista.

Gaetano Grech kien id-direttur tal-Baned King's Own, La Valette, La Vincitrice, San Ġorġ ta' Bormla, S. Andrija, L-Unione, l'Isle Adam, La Vittorja tan-Naxxar, Queen's Own, Prince of Wales, Duke of Edinburgh, Malta Regiment Royal Militia, La Stella ta' Għawdex u għal xi żmien tal-Banda ta' Reġiment Skoċċiż stazzjonat f'Verdala u ddirieġa wkoll il-":Massed Band" ta' sitt mitt ruħ u dak in-nhar ir-Re Dwardu VII feraħlu personalment.

Fl-1 ta' Frar, 1904, il-Banda Duke of Edinburgh esegwiet fi Pjazza San Giorgio, il-Belt programm b'kommpożizzjonijiet tiegħu: Marcia, il Fonografo -Sinfonia, La Figlia del Re Pipino - Fantasia, La cerimonaia delle Campane - Valzer, Il Conte - Melodia La Religione - Mażurka, Triste Ricordo. Is-Sinfonija, La Figlia del Re Pipino ma tagħmelx għajb lil dawk ta' Hoffmann, Auber, Suppè u Harold u ġiet esegwita fl-Espożizzjoni Kolonjali ta' Londra. Żewġ Poemi Sinfoniċi deskrittivi: "L'Assedio di Malta" u "Calma e Bufera" huma żewġ kapolavuri tiegħu. Ta' l-ewwel iżżanżan mill-Banda La Vallette. taħt s-Surmast Vitaliti u l-ieħor mill-King's own, il-1892, dak in-nhar b'sens patrijottiku esegwiet programm b'kompożizzjonijiet Maltin. Għandu tiegħu wkoll Inno Nazionale ndaqq l-ewwel darba mill-La Vallette fl-ewwel Festa Nazzjonali l-8 ta' Settembru 1565.

Is-Surmast Grech kiteb Grammatika tal-Mużika bil-Malti u mhux Grammatika tad-

Djalett Malti kif qal Rolandi! (Musica u Musicisti in Malta Paġ, 65) Għax-xogħol letterarju u artistiku tiegħu, is-Soċjetà di Arti e Manifatture onoratu b'diploma u b'"cheque" ta' £10 flok midalja tad-deheb u ħatritu membru ta' Kommissjoni mas-Surmastrijiet Anton Nani u Carlo Fiamingo.

Din il-Grammatika reġgħet ġiet stampata minn ibnu Patri Spiridjun, Karmelitan, Mużiċista Kompożitur ieħor, studja ghand missieru, Albert Vella u Barbera f'Malta u taht Refice u Casmiri f'Ruma.

Fl-1890, is-Surmast Gaetano Grech insibuh maħtur bhala Surmast Akkademiku Onorarju taċ-Ċircolo Bellini, Catania, wara li kien ta' prova tal-ħila artistika tiegħu billi ddirieġa "a prima vista" biċċa mużika klassika esegwita mill-Banda Muniċipali.

Id-Duke of Edinburgh għoġbu jonura lis-Surmast Grech mhux biss billi aċċetta biċċa xogħol tiegħu għall-vjolin u l-pjanu "Pensiero Melanconino" iddedikata lill-Altezza Rjali Tiegħu, imma saħansitra stiednu għall-pranzu abbord u wara li semgħu jdoqq il-vjolin ried iżommu miegħu bħala Direttur ta' l-Orkestra u wiegħdu li jdaħħlu wkoll fl-Orkestra ta' Sandringham Palace magħmula mill-aqwa Mużiċisti ta' l-Imperu. Iżda, Gejtu, marbut mal-familja u ma' art twelidu ma aċċettax u kif sewwa qal il-Korrispondent tal-Berqa (25.3.1938) tilef l-isbaħ okkażżjoni ta' ħajtu.

Wara marda qasira, miet kif għex daħkani u ċajtier. Mit-tieni opra tiegħu "Le Prime Crociate" ma laħaqx kiteb ħlief l-ewwel att biss ħtija li l-librettista patri Pawl Cauchi mar irtira fil-Kunvent ta' Montecassino.

---

Surmastrijiet tal-Banda L'Isle Adam li diġà tajna tagħrif dwarhom kienu:

Anton Muscat Azzopardi fil-ktieb li hareġ fl-1979 f'paġni 20-22.

Philip Gatt fil-ktieb li ħareġ fl-1979 f'paġni 20-22.

Anton Muscat Azzopardi (tislima meta miet) fil-ktieb li ħareġ fl-1980 f'paġni 24-28.

Generoso Muscat fil-ktieb li ħareġ fl-1982 f'paġna 33

Lorenza Gatt fil-ktieb li ħareġ fl-1986 f'paġni 29-31.

Joe Galea fil-ktieb li ħareġ fl-1987 f'paġni 36-38.

Manwel Bartoli fil-ktieb li ħareġ fl-1988 f'paġni 41-43.

Ġużeppi Stivala fil-ktieb li ħareġ fl-1988 f'paġni 32-33.




**Din id-Diploma li s-Surmast Gaetano Grech kien rebaħ fl-1894, lpprefera li jagħtiha lill-Każin tal-Banda L-Isle Adam, minn fost kemm kellu baned f'idejh u mill-istess familjari tiegħu.**